ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2011 TAL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI UE-KROAZJA

tal-5 ta' Mejju 2011

li temenda l-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva

(2011/340/UE)

IL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI UE-KROAZJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja min-naħa l-oħra [1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tal-Protokoll 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 3 u 4 tal-Protokoll 4 tal-Ftehim jipprevedi kumulazzjoni bilaterali tal-oriġini fl-Unjoni Ewropea jew fil-Kroazja.

(2) Il-Kroazja talbet li takkumula l-oriġini meta tinkorpora materjali li joriġinaw fl-Unjoni, fil-Kroazja jew fi kwalukwe pajjiż jew territorju ieħor li jipparteċipa fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni [2] jew tinkorpora il-materjali li joriġinaw mit-Turkija li għalihom id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 [3] tapplika [4].

(3) Sabiex jippermettu lill-Unjoni u lill-Kroazja li jibbenefikaw miż-żona estiża ta' kumulazzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4 tal-Ftehim għandhom ikunu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll 4 tal-Ftehim b'dan huwa emendat kif ġej:

(1) Dan li ġej jiżdied mal-Werrej:

"Anness V: Prodotti eskluži mill-kumulazzjoni prevista fl-Artikolu 3 u l-Artkolu 4".

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Kumulazzjoni fil-Komunità

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1), il-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li joriġinaw fil-Komunità jekk dawn il-prodotti jinkisbu hemmhekk, li jinkorporaw materjali li joriġinaw fil-Kroazja, fil-Komunità jew fi kwalunkwe pajjiż jew teritorju li jipparteċipa fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (*), jew li jinkorporaw materjali li joriġinaw fit-Turkija li għalihom tapplika d-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 (**), sakemm il-ħidma jew l-ipproċessar imwettaq fil-Komunità jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. M'għandux ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minnhidma jew ipproċessar suffiċjenti.

2. Meta l-ħidma jew l-ipproċessar imwettaq fil-Komunità ma jkunx imur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu jiġi kkunsidrat bħala li joriġina fil-Komunità biss meta l-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw fi kwalnukwe wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jkun ikkunsidrat bħala li joriġina fil-pajjiż li minnu jkun ġej l-ogħla valur tal-materjali oriġinarji użati fil-manifattura fil-Komunità.

([1]) ĠU L 26, 28.1.2005, p. 3.

([2]) Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali tad-29 ta' April 1997 u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 1999 dwar il-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għall-pajjiżi tal-Ewropa tax-Xlokk - il-Bosnja u Ħerżegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, dik li kienet ir-Repubblika Jogoslava tal-Maċedonja u l-Albanija.

([3]) ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1.

([4]) Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-aħħar fażi tal-Unjoni Doganali tapplika għal prodotti minbarra prodotti agrikoli kif definit fil-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija (ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687/64), u minbarra l-prodotti tal-faħam u l-azzar kif definiti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-kummerċ fil-prodotti koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 227, 7.9.1996, p. 3).

3. Il-prodotti li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji msemmija fil-paragrafu 1, li ma jkunux soġġetti għal ħidma jew ipproċessar fil-Komunità, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi jew territorji.

4. Il-kumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tiġi applikata biss jekk:

(a) ikun applikabbli ftehim ta' kummerċ preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) bejn il-pajjiżi jew it-territorji involuti fl-akkwist ta' status ta' oriġini u l-pajjiż ta' destinatazzjoni;

(b) materjali u prodotti jkunu kisbu status ta' oriġini bl-applikazzjoni ta' regoli ta' oriġini identiċi ma' dawk mogħtija f'dan il-Protokoll;

u

(c) avviżi li jindikaw it-twettiq tar-rekwiżiti meħtieġa għall-applikazzjoni tal-kumulazzjoni jkunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje C) u fil-Kroazja skont il-proċeduri tagħha.

Il-kumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje C).

Il-Komunità għandha tipprovdi lill-Kroazja, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, bid-dettalji tal-istrumenti ta' Ftehim u r-regoli ta' oriġini li jikkorrispondu għalihom, li huma applikati mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1.

Il-prodotti fl-Anness V għandhom ikunu esklużi mill-kumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu.

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Kumulazzjoni fil-Kroazja

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(2), il-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li joriġinaw fil-Kroazja jekk tali prodotti jinkisbu hemmhekk, jinkorporaw materjali li joriġinaw fil-Komunità, fil-Kroazja jew fi kwalunkwe pajjiż jew territorju li jipparteċipa fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (*), jew li jinkorporaw materjali li joriġinaw fit-Turkija li għalihom tapplika d-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 (**), sakemm il-ħidma jew l-ipproċessar imwettaq fil-Korazja jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. M'għandux ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.

2. Meta l-ħidma jew l-ipproċessar imwettaq fil-Kroazja ma jkunx imur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu jiġi kkunsidrat bħala li joriġina fil-Kroazja biss meta l-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1. Jekk dan ma jkunx hekk, il-prodott miksub għandu jkun ikkunsidrat bħala li joriġina fil-pajjiż fejn ikun ġie l-aktar valur għoli ta' materjali oriġinarji użati fil-manifattura fil-Kroazja.

3. Il-prodotti, li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji msemmija fil-paragrafu 1, li ma jkunux soġġetti għal ħidma jew ipproċessar fil-Kroazja, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi jew territorji.

4. Il-kumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tiġi applikata biss jekk:

(a) ikun applikabbli ftehim ta' kummerċ preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) bejn il-pajjiżi jew it-territorji involuti fl-akkwist ta' status ta' oriġini u l-pajjiż ta' destinatazzjoni;

(b) materjali u prodotti jkunu kisbu status ta' oriġini bl-applikazzjoni ta' regoli ta' oriġini identiċi ma' dawk mogħtija f'dan il-Protokoll;

u

(c) avviżi li jindikaw it-twettiq tar-rekwiżiti meħtieġa għall-applikazzjoni tal-kumulazzjoni jkunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje C) u fil-Kroazja skont il-proċeduri tagħha stess.

(*) Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali f'April 1997 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 1999 dwar l-istabbiliment tal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

(**) Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 tapplika għal prodotti minbarra prodotti agrikoli kif definit fil-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija u minbarra l-prodotti tal-faħam u l-azzar kif definiti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-kummerċ fil-prodotti koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar."

Il-kumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje C).

Il-Kroazja għandha tipprovdi lill-Komunità, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, bid-dettalji tal-istrumenti ta' Ftehim, inklużi d-dati tad-dħul fis-seħħ tagħhom, u r-regoli ta' oriġini li jikkorrispondu għalihom, li huma applikati mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1.

Il-prodotti fl-Anness V għandhom ikunu esklużi mill-kumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu.

(*) Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali f'April 1997 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 1999 dwar l-istabbiliment tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

(**) Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 tapplika għal prodotti minbarra prodotti agrikoli kif definit fil-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija u minbarra l-prodotti tal-faħam u l-azzar kif definiti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-kummerċ fil-prodotti koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar."

(4) L-Artikolu 7(1)(m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti kif ukoll jekk le; it-taħlit ta' zokkor ma' kwalunkwe tip ieħor ta' materjal;"

(5) L-Artikolu 13(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. It-trattament preferenzjali previst minn dan il-Ftehim japplika biss għal prodotti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll, li huma ttrasportati direttament bejn il-Komunità u l-Kroazja jew li jgħaddu minn pajjiżi jew territorji oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Madankollu, prodotti li jiffurmaw konsenja waħda jistgħu jkunu trasportati minn territorji oħrajn u, jekk ikun il-każ, trasbordati jew maħżuna temporanjament f'tali territorji, bil-kondizzjoni li jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż fejn isiru t-transitu jew il-ħażna u ma jsirux operazzjonijiet fuqhom għajr ħatt, tagħbija mill-ġdid jew kwalunkwe operazzjoni maħsuba sabiex tippriservahom f'kondizzjoni tajba.

Il-prodotti ta' oriġini jistgħu jiġu ttrasportati permezz ta' pajp li jgħaddi minn territorju li mhuwiex dak tal-Komunità jew tal-Kroazja."

(6) L-Artikolu 14(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Prodotti ta' oriġini, li jintbagħtu għal wirja f'pajjiż jew territorju li mhuwiex wieħed minn dawk msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u li jinbiegħu wara l-wirja sabiex jiġu importati fil-Komunità jew fil-Kroazja għandhom, meta jiġu importati, igawdu mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim bil-kondizzjoni li jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(a) dawn il-prodotti mill-Komunità jew mill-Kroazja ġew ikkonsenjati fil-pajjiż fejn tinżamm il-wirja u ġew eżibiti hemmhekk minn esportatur;

(b) dak l-esportatur biegħ il-prodotti, jew iddispona minnhom b'xi mod ieħor, lil persuna fil-Komunità jew fil-Kroazja;

(c) il-prodotti jkunu ġew ikkunsinnati matul il-wirja jew immedjatament wara li tingħalaq fl-Istat fejn ikunu ntbagħtu għall-wiri;

u

(d) il-prodotti ma jkunux, minn meta jkunu ġew ikkonsenjati għall-wiri, intużaw għal xi skop minbarra dak li jintwerew fil-wirja."

(7) L-Artikolu 15(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Materjali li ma joriġinawx li huma użati fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Kroazja jew f'wieħed mill-pajjiżi jew territorji msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li għalihom inħarġet jew saret prova ta' oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V m'għandhomx ikunu soġġetti, fil-Komunità jew fil-Kroazja, għal rifużjoni jew għa -eżenzjoni minn dazji doganali ta' kwalunkwe tip."

(8) L-Artikolu 17(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR 1 mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Komunità jew tal-Kroazja jekk il-prodotti konċernati jistgħu jkunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Kroazja jew f'wieħed mill-pajjiżi jew territorji oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll."

(9) L-Artikolu 22(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Tista' tiġi magħmula dikjarazzjoni ta' fattura jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jkunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Kroazja jew f'wieħed mill-pajjiżi jew territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll."

(10) L-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 28*

Dokumenti ta' sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 17(3) u 22(3) użati għall-iskop li jagħtu prova li l-prodotti koperti b'ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew b'dikjarazzjoni ta' fattura jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fil-Kroazja jew f'wieħed mill-pajjiżi jew territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, jistgħu jikkonsistu, inter alia, f'dawn li ġejjin:

(a) evidenza diretta tal-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jikseb l-oġġetti kkonċernati, li jinsabu pereżempju fil-kontijiet jew fiż-żamma tal-kotba interni tal-esportatur jew tal-fornitur;

(b) dokumenti li jippruvaw l-istatus ta' oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fil-Kroazja fejn dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi domestika;

(c) dokumenti li jippruvaw ix-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Komunità jew fil-Kroazja, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fil-Kroazja, fejn dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi domestika;

(d) ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjonijiet ta' fattura li jagħtu prova tal-istatus tal-materjali użati bħala materjali li joriġinaw, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fil-Kroazja skont dan il-Protokoll, jew f'wieħed mill-pajjiżi jew territorji msemmija fl-Artikoli 3 u 4, skont regoli ta' oriġini li huma identiċi għar-regoli f'dan il-Protokoll;

(e) evidenza xierqa dwar il-ħidma jew l-ipproċessar li twettaq barra mill-Komunità jew mill-Kroazja b'applikazzjoni tal-Artikolu 12, li tagħti prova li r-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu ġew sodisfatti."

(11) L-Artikolu 31(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(1)(b) u l-Artikolu 27(3) f'każijiet fejn il-prodotti huma ffaturati f'munita li mhijiex l-euro, l-ammonti fil-muniti nazzjonali tal-Istati Membri tal-Komunità, tal-Kroazja u tal-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li huma ekwivalenti għall-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu stabbiliti kull sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati."

(12) L-Anness ta' din id-Deċiżjoni huwa miżjud mal-Protokoll 4 tal-Ftehim bħala Anness V.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2011.

Għall-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Kroazja

Il-President

C. ASHTON

ANNESS

"ANNESS V

PRODOTTI ESKLUŻI MILL-KUMULAZZJONI PREVISTA FL-ARTIKOLU 3 U FL-ARTKOLU 4

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1704 90 99	Prodotti tal-ħelu taz-zokkor, li ma jkunx fihom kawkaw.
1806 10 30 1806 10 90	Ċikkulata u preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw – trab tal-kawkaw, li fih zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda: – – b'65 % jew aktar, iżda anqas minn 80 %, bil-piż, ta' sukrożju (inkluż zokkor maqlub muri bħala sukrożju) jew iżoglukożju muri bħala sukrożju – – Bi 80 % jew aktar, bħala piż, ta' sukrożju (inkluż zokkor maqlub muri bħala sukrożju) jew isoglukożju muri bħala sukrożju
1806 20 95	– Preparati oħra fi blokkok jew ċangaturi jew biċċiet li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pasta, trab, granulat jew xi forma oħra fi kwantità f'kontenituri jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg – – Oħrajn – – – Oħrajn
1901 90 99	Estratt tax-xgħir, preparati ta' ikel mid-dqiq, ħafur, nuħħala, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma jkunx fihom kawkaw jew li fihom anqas minn 40 %, bil-piż, kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; preparati tal-ikel tal-prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom anqas minn 5 %, bil-piż, kawkaw ikkalkulat kompletament bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra – Oħrajn – – Oħrajn (ħlief estratt tax-xgħir) – – – Oħrajn
2101 12 98	Preparati oħra b'bażi ta' kafé.
2101 20 98	Preparati oħra b'bażi ta' té jew maté.
2106 90 59	Preparati tal-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra – Oħrajn – – Oħrajn
2106 90 98	Preparati tal-ikel mhux imsemmija jew inklużi band'oħra: – Oħrajn (minbarra konċentrati ta' proteina u sustanzi ta' proteina b'konsistenza) – – Oħrajn – – – Oħrajn
3302 10 29	Taħlit ta' sustanzi bir-riħa u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta'waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, tat-tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparati oħrajn ibbażati fuq sustanzi bir-riħa, tat-tip użati għall-manifattura ta' xarbiet: – Tat-tip użat fl-industriji tal-ikel jew tax-xorb – – Tat-tip użat fl-industriji tax-xarbiet: – – – Preparati li fihom l-aġenti kollha li jagħtu t-togħma li jikkaratterizzaw xarba: – – – – B'saħħa alkoħolika attwali bil-volum aktar minn 0,5 % – – – – Oħrajn: – – – – – Li ma fihomx xaħmijiet tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew li, bil-piż, fihom anqas minn 1,5 % xaħmijiet tal-ħalib, 5 % sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu – – – – – Oħrajn"